



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-  
Idroġenu għas-sena finanzjarja 2017

Flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

## WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 13
Stabbiliment tal-Impriża Konġunta FCH	1 - 2
Governanza	3 - 6
Objettivi	7
Riżorsi	8 - 12
L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni	13
Opinjoni	14 - 26
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	15
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	16
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	17
Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza	18 - 20
Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	21 - 26
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	27 - 36
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017	27
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7	28 - 31
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020	32 - 36
Kontrolli interni	37 - 39
Qafas ta' kontroll intern	37 - 39
Kwistjonijiet oħra	40
Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra	40
Informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni	41 - 42
 Anness - Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti	
 Ir-risposta tal-Impriża Konġunta	

## **INTRODUZZJONI**

### ***Stabbiliment tal-Impriża Konġunta FCH***

1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-Impriża Konġunta FCH), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2008 għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 u bdiet taħdem b'mod awtonomu fil-15 ta' Novembru 2010<sup>1</sup>. F'Mejju 2014, il-Kunsill estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-Impriża Konġunta għall-perjodu li jwassal sal-31 ta' Diċembru 2024<sup>2</sup>.
2. L-Impriża Konġunta FCH hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li tirrigwarda t-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), ir-rappreżentata mill-Kummissjoni, ir-Raggruppament għall-Industrija (Hydrogen Europe) u r-Raggruppament għar-Riċerka (Hydrogen Europe Research).

### ***Governanza***

3. L-istruttura ta' governanza tal-Impriża Konġunta FCH tinkludi l-korpi li ġejjin: il-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-Kumitat Xjentifiku, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-FCH u l-Forum tal-Partijiet Interessati.
4. Il-Bord tat-Tmexxija huwa magħmul minn 10 membri, b'6 rappreżentanti mir-Raggruppament għall-Industrija, 3 rappreżentanti mill-Kummissjoni u rappreżentant wieħed mir-Raggruppament għar-Riċerka. Huwa responsabbli għall-orjentazzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1) emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 (ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

5. Il-Kumitat Xjentifiku huwa magħmul minn mhux aktar minn disa' membri li jirreflettu rappreżentanza bilanċjata ta' esperti mill-kamp tal-akkademja, mill-industrija u mill-korpi regolatorji. Huwa jipprovdi konsulenza dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom ikunu indirizzati fil-pjanijiet ta' ħidma annwali u dwar il-kisbiet xjentifiċi deskritti fir-rapport annwali tal-attività.

6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-FCH jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u kull pajjiż assoċjat ma' Orizzont 2020, u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-orjentazzjoni strateġika tal-Impriża Konġunta u l-ilħuq tal-miri tal-programm Orizzont 2020. Il-Forum tal-Partijiet Interessati huwa avveniment annwali, fejn il-partijiet interessati tal-FCH jiddiskutu l-attivitajiet tagħha u jistgħu jifformulaw kummenti.

### **Objettivi**

7. L-objettiv tal-Impriża Konġunta FCH huwa li, sal-2020, turi li t-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu huma wieħed mill-pilastri tas-sistemi futuri Ewopej għall-enerġija u t-trasport. L-Impriża Konġunta tfittex li trawwem l-iżvilupp, fl-UE, ta' settur taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu li jkun b'saħħtu, sostenibbli u kompetittiv globalment.

### **Riżorsi**

8. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-ewwel fażi ta' attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH (FCH 1) hija ta' EUR 470 miljun, li għandha titħallas mill-FP7<sup>3</sup>. Il-kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra jridu jkunu mill-inqas daqs il-kontribuzzjoni mill-UE.

9. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għat-tieni fażi ta' attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH (FCH 2) hija ta' EUR 665 miljun, ifffinanzjata mill-programm Orizzont 2020. Minn dan l-ammont, massimu ta' EUR 570 miljun jistgħu jintużaw biex jippareġġjaw il-kontribuzzjoni minima tal-membri mir-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka (issettjata f'ammont

---

<sup>3</sup> L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 521/2008.

ta' EUR 380 miljun), u sa EUR 95 miljun jistgħu jintużaw biex jipparegġjaw kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali mill-membri li tkun ogħla mill-kontribuzzjoni minima<sup>4</sup>.

10. Il-membri mir-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka huma mistennija li jikkontribwixxu riżorsi ta' mill-inqas EUR 380 miljun tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-Impriża Konġunta<sup>5</sup>. Minn dan l-ammont, il-membri tar-raggruppamenti jridu jġarrbu spejjeż ta' mill-inqas EUR 285 miljun għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali li ma jkunux fil-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta FCH<sup>6</sup>.

11. L-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta FCH huma limitati għal EUR 38 miljun, li għandhom ikunu koperti permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li jinqasmu b'mod ugwali u fuq bażi annwali bejn l-UE u l-membri mir-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka<sup>7</sup>.

12. Fl-2017, il-baġit finali tal-Impriża Konġunta FCH kien ta' EUR 198,6 miljun (2016: EUR 115,5 miljun). Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-Impriża Konġunta kellha 26 membru tal-persunal impjegati magħha (2016: 26)<sup>8</sup>.

### ***L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni***

13. F'Ġunju 2017 il-Kummissjoni kkompletat l-evalwazzjoni finali tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta taħt l-FP7 u l-evalwazzjoni *interim* tal-attivitajiet tagħha taħt Orizzont 2020. Dawn

---

<sup>4</sup> L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 559/2014.

<sup>5</sup> L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 559/2014.

<sup>6</sup> Kif previst fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 559/2014, attivitajiet addizzjonali huma kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet li ma jkunux fil-pjan ta' ħidma u fil-baġit tal-Impriża Konġunta iżda li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta FCH. L-attivitajiet korrispondenti jridu jiġu stipulati fi pjan annwali ta' attivitajiet addizzjonali li jindika l-valur stmat ta' dawn il-kontribuzzjonijiet. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tal-istess Regolament, l-ispejjeż tal-attivitajiet addizzjonali jridu jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti estern u mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-Impriża Konġunta, mill-QEA jew minn kwalunkwe korp tal-UE.

<sup>7</sup> L-Artikolu 13(2) tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta FCH 2 (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 559/2014).

<sup>8</sup> Aktar informazzjoni dwar l-Impriża Konġunta FCH u l-attivitajiet tagħha hija disponibbli fuq is-sit web tagħha [http:// www.fch.europa.eu](http://www.fch.europa.eu).

għew segwiti minn pjanijiet ta' azzjoni rispettivi m'hejjija mill-Impriża Konġunta biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjonijiet. Din id-darba, aħna inkludejna taqsima li hija relatata mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta b'rispons għall-evalwazzjonijiet, u li hija intenzjonata biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma tiffurmax parti mill-opinjoni jew mill-osservazzjonijiet tal-awditjar tagħna.

#### **OPINJONI**

14. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>9</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>10</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

#### ***Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet***

15. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

#### ***Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet***

16. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

<sup>9</sup> Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>10</sup> Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

***Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet***

17. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

***Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza***

18. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-maniġment tal-Impriża Konġunta jerfa' r-responsabbiltà aħħarja għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

19. Fit-tnejn tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat.

20. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-entità.

***Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***

21. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

22. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jifasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

23. Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidju li jiġi riċevut mingħand il-Kummissjoni u nivvalutaw il-proċeduri tal-Impriża Konġunta għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor.

24. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru.

25. Fit-tnejn ta' dan ir-rapport u l-Opinjoni, aħna qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur estern indipendenti wettaq fuq il-kontijiet tal-Impriża Konġunta kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE<sup>11</sup>.

26. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

## **ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**

### ***Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017***

27. Il-baġit finali għall-2017 li kien disponibbli għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Impriża Konġunta taħt l-FP7 u Orizzont 2020 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 127,8 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 198,6 miljun. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta'

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

pagament kienu ta' 96 % u 89 %, rispettivament. L-appropriazzjonijiet ta' pagament intużaw prinċipalment biex jitħallsu l-prefinanzjamenti relatati mas-sejthiet tal-2016 u tal-2017.

***Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7***

28. Mill-ammont massimu ta' EUR 470 miljun f'fondi taħt l-FP7 li ġew allokati għall-Impriża Konġunta FCH għall-implimentazzjoni tal-FCH 1, l-UE kienet ikkontribwiet total ta' EUR 386,7 miljun fi flus kontanti u total ta' EUR 19,1 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura*, sa tmiem l-2017.

29. Mill-ammont minimu ta' EUR 470 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti li għandhom isiru mill-membri tar-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta FCH, il-Bord tat-Tmexxija kien ivvalida kontribuzzjonijiet ta' EUR 396,2 miljun, sa tmiem l-2017. Barra minn hekk, ammont ta' EUR 55,8 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali kien ġie rrapportat lill-Impriża Konġunta FCH sa tmiem l-2017.

30. Konsegwentement, sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjoni totali mill-membri tar-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka lill-Impriża Konġunta ammontat għal EUR 452 miljun, filwaqt li l-kontribuzzjoni kumulattiva mill-UE ammontat għal EUR 405,8 miljun.

31. Mill-baġit totali ta' EUR 490 miljun għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-FCH <sup>12</sup>, din kienet għamlet impenji ta' EUR 481,7 miljun (98,3 % tal-baġit disponibbli) u pagamenti ta' EUR 418,5 miljun, sa tmiem l-2017. Skont il-pjan ta' pagament tal-Impriża Konġunta għall-proġetti taħt l-FP7 li għadhom għaddejnin, EUR 25,7 miljun oħra se jitħallsu fl-2018 u EUR 17,4 miljun se jitħallsu fis-snin sussegwenti. B'hekk, il-proporzjon ta' implimentazzjoni finali għall-programm FCH 1 huwa stmat li jammonta għal 94,3 % tal-baġit totali għall-FCH 1.

---

<sup>12</sup> It-total huwa magħmul mill-kontribuzzjoni ta' EUR 470 miljun fi flus kontanti mill-UE ffinanzjata mill-programm FP7 u minn kontribuzzjoni ta' EUR 20 miljun fi flus kontanti li saret minn membri oħra għall-ispejjeż amministrattivi.

### **Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020**

32. Mill-ammont massimu ta' EUR 665 miljun f'fondi taħt Orizzont 2020 li ġew allokat i għall-Impriża Konġunta FCH, l-UE kienet ikkontribwiet total ta' EUR 234,3 miljun fi flus kontanti għall-implimentazzjoni tal-FCH 2, sa tmiem l-2017.

33. Il-membri mir-Raggruppamenti għall-Industrija u għar-Riċerka mhumiex obbligati jikkontribwixxu ammont minimu *in natura* għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta relatati mal-programm FCH 2. Fi tmiem l-2017, il-membri tar-raggruppamenti kienu rrappurtaw ammont ta' EUR 25,1 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali<sup>13</sup>, li minnhom EUR 0,6 miljun kienu ġew ivalidati mill-Bord tat-Tmexxija tal-FCH. Dan jirrifletti l-fatt li fl-2017 il-proġetti relatati mal-programm FCH 2 kienu għadhom fil-bidu tagħhom. Fil-31.12.2017, il-kontribuzzjonijiet *in natura* li kienu impenjati skont il-ftehimiet ta' għotja ffirmati ammontaw għal EUR 137,4 miljun<sup>14</sup>. Barra minn hekk, il-Bord tat-Tmexxija kien ivalida EUR 1,3 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-membri tar-raggruppamenti għall-ispiża amministrattiva tal-Impriża Konġunta ta' .

34. Mill-ammont ta' mill-inqas EUR 285 miljun f'kontribuzzjonijiet li għandu jsir mill-membri tar-raggruppamenti għal attivitajiet addizzjonali li ma jkunux fil-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta, sa tmiem l-2017, il-membri kienu diġà rrappurtaw EUR 558,5 miljun<sup>15</sup>, li minnhom EUR 382,2 miljun kienu ġew iċċertifikati, u għalhekk il-mira kienet inqabżet sew. Madankollu, peress li ma għandna l-ebda dritt li nawditjaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri għal attivitajiet addizzjonali, aħna ma nistgħux nipprovdu opinjoni dwar in-natura, il-kwalità u r-realtà tagħhom.

35. Konsegwentement, sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjonijiet totali mill-membri tar-raggruppamenti ammontaw għal EUR 585 miljun (li minnhom 95,5 % huma kontribuzzjonijiet

---

<sup>13</sup> Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta FCH, p. 36.

<sup>14</sup> Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta FCH, p. 13, it-Tabella 1.1.2.

<sup>15</sup> Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta FCH, p. 14, it-Tabella 1.1.3.

għal attivitajiet addizzjonali), filwaqt li l-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-UE ammontat għal EUR 234,3 miljun (ara wkoll il-paragrafu 41).

36. Mill-baġit massimu ta' EUR 684 miljun<sup>16</sup> għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-FCH 2, l-Impriża Konġunta kienet għamlet impenji ta' EUR 407,2 miljun u pagamenti ta' EUR 223,3 miljun, sa tmiem l-2017.

## **KONTROLLI INTERNI**

### ***Qafas ta' kontroll intern***

37. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*.

38. Għall-pagamenti taħt l-FP7, ir-rata tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġiet irrappurtata mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2017 kienet ta' 1,13 %.<sup>17</sup> Fl-2017, l-Impriża Konġunta - flimkien mas-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tad-DĠ RTD - niedet l-ewwel awditu *ex post* ta' kampjun aleatorju bbażat fuq ir-riskju ta' klejms għall-ispejjeż *interim* relatati mal-programm Orizzont 2020, li r-riżultati tiegħu se jiġu rrappurtati fir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta.

39. Ibbażat fuq valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta, fuq ittestjar sostantiv tal-operazzjonijiet ta' dħul, ta' pagamenti, ta' għotjiet u ta' akkwist, kif ukoll fuq analiżi ta' kampjun ta' awditi *ex post* finalizzati, inklużi ta' rkupri li rriżultaw mill-iżbalji li nqabdu, ir-riżultati tal-awditjar ipprovdewlna aċċertament raġonevoli li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu għall-Impriża Konġunta hija taħt il-livell ta' materjalità.

---

<sup>16</sup> It-total huwa magħmul mill-kontribuzzjoni ta' EUR 665 miljun fi flus kontanti mill-UE ffinanzjata mill-programm Orizzont 2020 u minn kontribuzzjoni ta' EUR 19-il miljun fi flus kontanti li saret mill-membri tar-raggruppamenti għall-ispejjeż amministrattivi.

<sup>17</sup> Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta FCH, p. 69 u 74.

## **KWISTJONIJIET OĦRA**

### ***Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra***

40. Wieħed mill-oġġettivi prinċipali tal-Impriża Konġunta huwa li timmobilizza l-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-membri tal-industrija fil-qasam tal-attivitajiet tagħha<sup>18</sup>. Skont ir-Regolament fundatur tal-FCH2, il-fattur minimu ta' mobilizzazzjoni li għandu jinkiseb kemm għall-attivitajiet operazzjonali kif ukoll għal dawk addizzjonali jammonta għal 0,67<sup>19</sup>. Il-fattur ta' mobilizzazzjoni, kif definit fir-rapport ta' evalwazzjoni *interim*, li nkiseb mill-Impriża Konġunta sa tmiem l-2017, ammonta għal 1,32<sup>20</sup> wara li tqiesu kemm l-attivitajiet operazzjonali kif ukoll dawk addizzjonali (inkluż 0,35<sup>21</sup> għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali waħidhom). Ir-Regolament fundatur tal-FCH 2 ma jobbligax lill-membri tal-industrija biex jagħmlu ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta<sup>22</sup>. Il-fattur finali ta' mobilizzazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali se jiġi

---

<sup>18</sup> Il-Premessa 4 tar-Regolament (UE) Nru 559/2014 tiddikjara li jenħtieġ li din is-sħubija tkun ibbażata fuq kontribuzzjoni bilanċjata mis-sħab kollha.

<sup>19</sup> It-total tal-ammont minimu tal-kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali tal-Impriża Konġunta (EUR 380 miljun) diviż bil-kontribuzzjoni massima fi flus kontanti mill-UE għall-Impriża Konġunta (EUR 570 miljun).

<sup>20</sup> L-istima tal-mobilizzazzjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti effettivament imħallsa mill-membri privati (EUR 1,3 miljun), flimkien mal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati (EUR 137,4 miljun) impenjati fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati, u l-kontribuzzjonijiet *in natura* ċċertifikati għall-attivitajiet addizzjonali (EUR 382,2 miljun), diviżi bil-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti impenjati mill-Kummissjoni fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati (EUR 395,6 miljun).

<sup>21</sup> L-istima tal-mobilizzazzjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti effettivament imħallsa mill-membri privati (EUR 1,3 miljun), flimkien mal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati (EUR 137,4 miljun) impenjati fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati, diviżi bil-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti impenjati mill-Kummissjoni fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati (EUR 395,6 miljun).

<sup>22</sup> L-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 559/2014 jispeċifika li l-membri tal-industrija u tar-riċerka jridu jagħmlu kontribuzzjonijiet totali ta' mill-inqas EUR 380 miljun tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-Impriża Konġunta, li minnhom mill-inqas EUR 285 miljun iridu jikkonsistu fi spejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali li ma jkunux fil-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta.

kkalkulat fi tmiem il-programm Orizzont 2020. Peress li ma għandna l-ebda dritt li nawditjaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali, aħna ma nistgħux nipprovdu opinjoni dwar in-natura, il-kwalità jew ir-realtà ta' dawn il-kontribuzzjonijiet<sup>23</sup>.

### **INFORMAZZJONI DWAR L-EVALWAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI**

41. L-Evalwazzjoni Finali tal-Impriża Konġunta FCH li l-Kummissjoni wettqet fil-kuntest tal-FP7 kienet tkopri l-perjodu bejn l-2008 u l-2016<sup>24</sup>, filwaqt li l-Evalwazzjoni *Interim* tal-Impriża Konġunta FCH 2 fil-kuntest tal-H2020 kienet tkopri l-perjodu mill-2014 sal-2016<sup>25</sup>. L-evalwazzjonijiet twettqu bl-assistenza ta' esperti indipendenti kif previst fir-Regolamenti tal-Kunsill dwar l-FCH<sup>26</sup>, u koprew il-prestazzjoni tal-Impriża Konġunta f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, koerenza, u valur miżjud tal-UE, filwaqt li ttieħdu wkoll inkunsiderazzjoni t-trasparenza u l-kwalità tar-riċerka. Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet fir-rapport li baġtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ottubru 2017<sup>27</sup>.

42. B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi<sup>28</sup>, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord tat-Tmexxija tal-FCH 2 f'Marzu 2018. Il-pjan ta'

---

<sup>23</sup> Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 559/2014 l-ispiża tal-attivitajiet addizzjonali tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti estern maħtur mill-Impriża Konġunta. Madankollu, l-ispiża għal dawn l-attivitajiet ma għandhiex tkun awditjata mill-Impriża Konġunta jew minn kwalunkwe korp tal-Unjoni.

<sup>24</sup> Evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta FCH li topera taħt l-FP7.  
<https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/fch.pdf>

<sup>25</sup> Evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta FCH 2 (2014-2016) li topera taħt Orizzont 2020  
[https://ec.europa.eu/research/health/.../imi2\\_interim\\_evaluation.pdf](https://ec.europa.eu/research/health/.../imi2_interim_evaluation.pdf)

<sup>26</sup> Evalwazzjonijiet statutorji tal-Kummissjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 dwar l-Impriża Konġunta FCH, u l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta FCH 2.

<sup>27</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat: Interim Evaluation of the Joint Undertakings operating under Horizon 2020 (Evalwazzjoni *Interim* tal-Impriża Konġunta li joperaw taħt Orizzont 2020) {SWD(2017) 339 final}.

<sup>28</sup> Ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu: il-ħtieġa li jitjeb ir-rwol tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u tal-korpi konsultattivi; koerenza mal-programmi l-oħra tal-UE; il-ħtieġa li jissaħħu l-proġetti b'livell ta' Tħejija Teknoloġika (TRL) aktar baxx; tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li huma inqas attivi fil-proġetti tal-FCH u titrawwem parteċipazzjoni akbar mir-reġjuni u mill-Istituti ta' Edukazzjoni Għolja; tingħata assistenza dwar kwistjonijiet finanzjarji (il-possibiltajiet ta'

azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta<sup>29</sup>. Għal xi wħud minnhom diġà nbdew ċerti attivitajiet <sup>30</sup>, il-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u fl-2019, filwaqt li għadd iżgħir minnhom se jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss<sup>31</sup>.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

---

finanzjament l-aktar adatti), u appoġġ għall-implimentazzjoni kummerċjali u l-isfruttament aħjar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE; titjeb il-komunikazzjoni mal-partijiet interessati, ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, mar-reġjuni u mal-pubbliku biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-teknoloġiji tal-FCH.

<sup>29</sup> L-azzjonijiet speċifiċi inklużi fil-pjan ta' azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwatur jinkludu: ir-rinfurzar u t-tisħiħ tar-rwol tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati; iż-żieda fil-parteċipazzjoni tar-reġjuni u tal-bliet; it-titjeb tal-interazzjonijiet mal-partijiet interessati esterni għall-fora futuri tagħhom; it-tisħiħ tar-rabtiet mal-Kummissjoni Ewropea biex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-inizjattivi l-oħra tal-UE; ir-rinfurzar tad-disseminazzjoni u tal-isfruttament tar-riżultati.

<sup>30</sup> L-attivitajiet li diġà nbdew jinkludu: l-analiżi tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali mal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati biex jiġu identifikati l-lakuni, u l-indirizzar tal-kollaborazzjoni mar-reġjuni u mal-bliet; l-eżaminar tal-kompiti tal-Uffiċjal Finanzjarju tal-Inġinerija tal-FCH 2 biex jinsabu sinerġiji mal-istrumenti l-oħra tal-UE (b'mod partikolari tal-Faċilità Finanzjarja bil-Qsim tar-Riskju tal-BEI); studju mniedi f'Marzu 2017 biex jiġu esplorati oqsma bl-ogħla valur miżjud fil-katini tal-valur tal-UE; diskussjonijiet fil-livell tal-Bord tat-Tmexxija dwar attivitajiet b'TRL aktar baxx bil-ħsieb li dawn jiġu inklużi fir-reviżjoni li jmiss tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali.

<sup>31</sup> B'mod partikolari, il-koerenza u l-komplementarjetajiet mal-programmi l-oħra tal-UE fl-oqsma tat-Trasport u l-Enerġija.

AnnessSegwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
	<i>Kunflitti ta' interess</i>	
2015	F'Lulju 2015, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida lill-Impriżi Konġunti relatati mar-regoli dwar kunflitti ta' interess, inkluż mudell komuni għad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess, li jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tinkorpora fil-proċeduri tagħha.	Ikkompletata

**IT-TWEĠIBA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA**

40. L-Impriża Konġunta FCH 2 tirrikonoxxi li f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill<sup>1</sup> (UE) 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH 2 JU), il-Qorti ma għandha l-ebda dritt li tagħmel awditjar dwar il-kontribuzzjonijiet in natura f'attivitajiet addizzjonali. Tixtieq tenfasizza li l-Impriża Konġunta żviluppat metodoloġija maqbula mill-Bord tat-Tmexxija tagħha fid-9 ta' Diċembru 2016<sup>2</sup>, li tipprevedi kontrolli robusti għall-ġbir, ir-rapportar u ċ-ċertifikazzjoni ta' attivitajiet addizzjonali u tinkludi programm ta' awditjar mudell u ċertifikat ta' awditjar għaċ-ċertifikazzjoni minn awdituri esterni indipendenti.

---

<sup>1</sup> ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108-129.

<sup>2</sup> <https://www.fch.europa.eu/page/in-kind-additional-activities>